NEWSPAPER POST



Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Lulju - Awwissu 2006

Nru 151

# MUDELL INIMITABBLI



F'din il-Ħarġa

**Rapport dettalljat tal-festa ta' San Ġorġ fuq diversi aspetti tal-festa**



Paġna 4

# IL-BELT VICTORIA

Rivista ta' kull xahrejn



Uffiċċju Editorjali: **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM


### Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali

11.06.06 **Maria Assunta**, bint Daniel Bugeja u Anabel Vella
01.07.06 **Marissa**, bint Felix Camilleri u Sonya Cauchi
10.07.06 **Perla**, bint Pierre Bugeja u Karen Galea
12.07.06 **Luke**, iben Philip Fenech u Tina Bogdanovic

### Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

23.04.06 **Joseph Grech** u **Cherly Borg**
06.05.06 **Marvic Mizzi** u **Nancther Portelli**
10.06.06 **Gordon Borg** u **Mary Grace Schembri**
24.06.06 **Jesmar Sciberras** u **Melissa Nadine Maria Saliba**
25.06.06 **Sammy Mercieca** u **Alison Gatt**
28.06.06 **Dione Lautier** u **Liliana Josephine Sacco**
07.07.06 **Mario Formosa** u **Marianne Sagona**
08.07.06 **Joseph Caruana** u **Anne-Marie Grima**
09.07.06 **Matthew Cilia** u **Lousie Christine Zammit**
22.07.06 **Claudio Spiteri** u **Diana Vella**

### Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt

06.07.06 **Joseph Pace**
13.06.06 **Teodora Formosa**

## IL-WEBSAJT TAL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ

## www.stgeorge.org.mt

- Idħlu fiha ħa tkunu tafu x'inhu jiġri fil-parroċċa tagħkom.
- Għadduha lil xulxin u agħtuha lill-emigranti li għandkom.
- Ibagħtu messaġġi fuqha permezz tal-*Guestbook*.
- Agħtu s-suġġerimenti tagħkom biex titjieb.
- Qed tiġi *updated* regolarment, diversi drabi fil-ġimgħa.

Ritratti provduti minn:
Joe Attard, Michael Camilleri, Emaneul Grima, Stephan Said, Joe Zammit.

# *Editorjal*

## Il-festa fuq il-festi

Hekk hu, għeżież qarrejja... iva: il-festa fuq il-festi. U dan għaliex għandna għaliex niftaħru biha. Il-festa tagħna – bħal din is-sena dawk ta' qabel u dawk tal-futur – qed issarraf f'mumenti sbieħ u indimentikabbli. U dan għaliex, bħal f'katina, kull Ġorġjan ħadem b'mod volontarju biex ikollna festa kif nafuha llum. Ħaġa sabiħa li jeħtieġ napprezzaw hija dik li n-nies kollha li ħadmu għall-festa lkoll għamlu dan b'mod volontarju.

Il-volontarjat ġo l-uffiċċju parrokkjali huwa wieħed qawwi. Kulħadd jaħdem id f'id biex ma' xulxin naraw il-professjonalità u s-serjetà ta' kif tiġi organizzata festa. U dan tinduna bih l-aktar mill-akbar attenzjoni li tingħata anki lil affarijiet żgħar. Il-professjonalità tidher fil-mużika li tindaqq fil-bażilika, fil-tmexxija tal-funzjonijiet, fl-organizazzjoni tal-liturġija, u fis-sinerġija bejn il-bażilika ta' San Ġorġ u l-każin tas-Soċjetà *La Stella*. Semmejt din ta' l-aħħar għaliex kulħadd jaf li ebda attività esterna ma tkun ta' xkiel għall-funzjonijiet sbieħ li jsiru fil-bażilika. Il-pubblikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-festa, bħal snin oħra, kienu ta' livell għoli.

U dan li semmejt qed ikun apprezzat minnkom il-qarrejja. Dan għaliex ħafna huma n-nies li ta' kull sena, aktar mis-sena ta' qabel, qed jiġu jimlew bil-folol din il-belt ta' Għawdex, jitgħaxxqu u jammiraw il-kobor u l-majestożità ta' din il-festa ta' San Ġorġ, patrun ta' Għawdex. U dan l-għatx tan-nies għall-festa ta' San Ġorġ dejjem jinħass aktar! Dan jibqa' jżomm lilna f'San Ġorġ naħdmu iktar id f'id biex norganizzaw festa aħjar mis-sena ta' qabel.


**Andrew Formosa**
ilbeltvictoria@yahoo.com
*Editur*

# *Messaġġ mill-Arċipriet*



**Mons. Ġużeppi Farrugia**

info@stgeorge.org.mt

APPELL LILKOM IL-LAJĊI

Filwaqt li nifirħu, b'kull raġun, għall-festi sbieħ li kellna f'ġieħ San Ġorġ, Patrun tal-Belt u Protettur ta' Għawdex, u filwaqt li nroddu ħajr 'l Alla għall-ħidma li l-parroċċa ta' San Ġorġ wettqet fis-sena pastorali (2005-2006) li waslet biex tispiċċa, irridu minn issa naħsbu għas-sena l-ġdida (2006-2007) li tibda max-xahar ta' Ottubru. Filfatt diġa' qed naħsbu.

Dalwaqt jitħabbar il-pjan pastorali tad-djoċesi li l-Kunsill Pastorali Parrokkjali tagħna, immedjetament wara l-festa, iddiskuta u ta fehmietu dwaru. Fl-isfond tal-ħidma li ġejja biex jitwettqu l-għanijiet tiegħu, għandna diversi prijoritajiet x'nikkonsidraw b'urġenza. Dawn il-prijoritajiet jikkonċernaw lilkom il-lajċi tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.

L-akbar prijorità tirrigwardja l-impenn akbar minnkom, il-lajċi, li l-parroċċa għandha bżonn. Għandna xogħol li s'issa kien isir mis-saċerdoti u m'għadux isir, jew li sal-lum ma setax isir, jew ma setax isir kif għandu jsir, għax m'għandniex saċerdoti li jistgħu jagħmluh. Din hi sitwazzjoni serja li rridu niffaċċjawha. Ma nistgħux noqogħdu nistennew għajnuna minn saċerdoti li xtaqniehom u ma ġewx.

F'dan ir-rigward hemm bżonn li jsiru ċerti bidliet fil-mentalità tagħna lkoll, saċerdoti u lajċi. Jiena, li jien ukoll impenjat fil-formazzjoni tas-seminaristi f'Għawdex, inħoss li ċerta bidla tal-mentalità hi meħtieġa wkoll mis-superjuri fil-formazzjoni tas-seminaristi tagħna. Imma ma nistgħux noqogħdu nistennewhom.

Għalhekk dak li hemm bżonn isir, irridu nagħmluh aħna, jiġifieri l-ftit saċerdoti li disposti nimpenjaw ruħna flimkien magħkom il-lajċi ta' San Ġorġ. Bħala lajċi li se tkunu impenjati fil-pastorali u l-liturġija hemm bżonn ukoll tapprezzaw il-ħtieġa tal-formazzjoni teoloġika u spiritwali.

Hemm bżonn ukoll li r-realta' u l-viżjoni tal-parroċċa tagħna tkun aktar magħrufa, u tkun magħrufa korrettament. Dal-bżonn jidher aktar fid-dawl ta' ċerta impressjoni dwar il-parroċċa ta' San Ġorġ fost dawk li jafuna biss minn dak li jaqraw f'ċerti kitbiet ippubblikati f'gazzetti jew minn ċertu għidut tan-nies żbaljat jew ippreġudikat. Ifarraġna l-fatt li min jafna b'kuntatt dirett jaħseb totalment il-kuntrarju ta' dawn il-preġudizzji (li jinkludu t-tendenza inġusta li jitfgħu "il-parroċċi tar-Rabat" f'keffa waħda) u għandu ċerta ammirazzjoni għall-parroċċa ta' San Ġorġ.

Prijorità oħra hija l-infrastruttura fiżika taċ-Ċentru Parrokkjali li hu proġett magħmul minn tliet binjiet kbar: dik ta' Pjazza San Ġorġ fejn hemm l-istazzjon *Leħen il-Belt Victoria*, dik ta' mal-bażilika li hi l-binja prinċipali u tinkludi d-Dar Parrokkjali, u dik li nistgħu nsejħulha l-Mużew tal-Bażilika, se tospita l-opri ta' l-istorja u l-arti u se tkun ċentru ta' katekeżi Kattolika.

Il-proġett li nbeda sitt snin ilu issa dieħel fl-aħħar fażi tiegħu. Fadal ħafna xi jsir fih! U kemm! U, bħallikieku m'hux biżżejjed, kellna nidħlu wkoll għall-proġett kbir u urġenti tal-bidla ta' l-istallazzjoni tad-dawl (li ġejna mwissija li kienet saret perikoluża) u magħha (bilfors ladarba se jsir xogħol ta' titqib, eċċ) tar-restawr ta' l-irħam.



*It-tixjir tal-palm waqt li l-banda* La Stella *tesegwixxi* l-Inno a San Giorgio Martire.*16.07.2006 - 07.05pm*

Minbarra l-ħidma ordinarja tal-liturġija, il-pastorali u l-amministrazzjoni, fis-sena li ġejja rridu nagħmlu dan kollu! M'hemmx dubju li se nagħmluh. Imma rridu niftakru li lkoll jeħtieġ li nkunu "benefatturi". Il-benefatturi huma dawk fostna li l-imħabba tagħhom lejn il-Knisja juruha fil-verita' tal-ħidma u l-kontribut għall-fondi meħtieġa.

Nieħu l-okkażjoni ta' din ir-rivista biex nifraħ magħkom għall-ġid spiritwali li ma jidhirx imma li żgur li ħalliet il-festa ta' San Ġorġ u għas-suċċessi organizzattivi, kulturali u popolari li ma jistgħux jidhru aktar milli dehru.

# "Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana" Laqgħa taż-żgħażagħ - Festa San Ġorġ 2006 Belt Victoria - Għawdex

Korrispondent speċjali - ilbeltvictoria@yahoo.com

Suċċess kbir ... mużika u kant mill-isbaħ ... ċelebrazzjoni li għalkemm twila, spettakolari f'kull parti ... organizzazzjoni kbira ... ċelebrazzjoni fuq skala djoċesana. Dawn kienu wħud mill-kummenti li ġew imtennija l-għada tal-11 ta' Lulju 2006 minn dawk li kienu preżenti fi pjazza San Ġorġ għaċ-ċelebrazzjoni ta' xhieda Kristjana organizzata mill-grupp *23four* taż-żgħażagħ tal-parroċċa u mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex.



*Pjazza San Ġorġ waqt iċ-ċelebrazzjoni. 11.07.2006 - 10.00pm*

Kull sena fil-festa ta' San Ġorġ il-grupp *23four* dejjem jorganizza laqgħa ta' talb fil-bażilika wara li jintemm il-ħruġ tradizzjonali min-niċċa ta' l-istatwa ta' San Ġorġ. Matul din is-sena f'moħħ il-membri tal-grupp beda jberren il-ħsieb ta' kif tista' ssir xi ħaġa differenti mis-snin ta' qabel, u konxji mis-suċċess li dejjem inkiseb fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru fi pjazza San Ġorġ matul l-aħħar snin, u mill-kwantità ta' nies li jkunu preżenti fi pjazza San Ġorġ wara l-ħruġ min-niċċa, ġie deċiż li għas-sena 2006 il-laqgħa taż-żgħażagħ tittella' b'mod straordinarju fi pjazza San Ġorġ. Din l-okkażjoni setgħet tiġi organizzata b'reazzjoni naturali għall-iżvilupp u t-tisħiħ tal-grupp *23four*, speċjalment ta' l-element mużikali fi ħdan il-grupp; it-*23four Youth Band and Choir*, li taħt id-direzzjoni ta' Richard Grech, għamel qabża fil-kwalità tal-mużika u kant li jesegwixxi tul l-aħħar erba' snin fejn dejjem kien preżenza ħajja fi ħdan il-parroċċa.

Minn ġimgħat qabel il-grupp organizzattiv, ippresedut mill-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia u li kien jinkludi lil Michael Formosa (*leader* tat-*23four*), Richard Grech (direttur mużikali tat-*23four Youth Band and Choir*), Francesco Pio Attard u David Farrugia beda jiltaqa' biex ifassal programm komprensiv li, ispirat mit-tema meħuda mill-ktieb tal-Korintin "Bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu jien dak li jien", kien jikkonsisti f'kant, ċelebrazzjoni penitenzjali, preżentazzjoni awdjoviżiva, ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla, ir-rit tal-Konfirmazzjoni u ċelebrazzjoni ewkaristika.

Definittivament kienet fuq kollox is-sistemazzjoni ġenerali ta' pjazza San Ġorġ li tat id-dehra professjonali lil din iċ-ċelebrazzjoni kbira organizzata miż-żgħażagħ tal-parroċċa. Mal-faċċata tal-bażilika ġiet armata struttura kbira tal-ħadid, simili għal dawk li jintużaw f'kunċerti kbar ġewwa pajjiżna u barra, li serviet bħala sfond għal din il-laqgħa u li magħha ġie mwaħħal *banner* kbir ta' madwar 20 pied, li ġie kkummissjonat mill-grupp organizzattiv li fost l-oħrajn kien juri l-*logo* taċ-ċelebrazzjoni (disinn ta' Richard Grech) u l-*logo* tal-grupp. Din l-istruttura għenet sabiex seta' jitpoġġa d-dawl li ġie armat għall-okkażjoni, li pprovda u għen biex tinħoloq atmosfera speċjali matul il-laqgħa ta' sagħtejn u nofs li spiċċat wara nofs il-lejl.

Protagonisti ewlenin f'din iċ-ċelebrazzjoni unika, li kienet animata mis-seminarista Francesco Pio Attard, kienu t-*23four Youth Band and Choir* taħt id-direzzjoni ta' Richard Grech. Dan l-element mużikali tal-parroċċa tagħna sar l-isem sinonimu ma' l-esekuzzjoni ta' mużika kontemporanja għaż-żgħażagħ fid-djoċesi. Xhieda ta' dan huma l-istediniet individwali li jsiru lill-membri tal-grupp tal-parroċċa ta' San Ġorġ biex jipparteċipaw f'ċelebrazzjonijiet djoċesani. Għal din l-okkażjoni l-element mużikali kien fl-aqwa tiegħu u ċertament il-parteċipazzjoni fil-laqgħa taż-żgħażagħ ta' l-2006 ser titniżżel fl-istorja tal-grupp, li fl-2007 jiċċelebra l-ħames snin mit-twaqqif tiegħu, bħala waħda mill-aħjar esekuzzjonijiet tal-grupp sa mit-twaqqif tiegħu. Dan kien evidenti kemm fil-kwalità ta' l-interpretazzjoni tal-kant u l-mużika kif ukoll min-numru kbir ta' mużiċisti u ta' membri tal-kor waqt din l-okkażjoni, mument straordinarju fil-programm tal-festa ta' San Ġorġ ta' l-2006. Il-*band* taħt id-direzzjoni ta' Mro Richard Grech kienet tinkludi għaxar elementi, fosthom żewġ *keyboards*, (Richard Grech, Marita Bigeni), ħames vjolini (David Farrugia - *section leader* fl-assenza ta' Paul Refalo, Charlene Caruana, Maria Theuma, Andrew Farrugia,




*Il-grupp imdaqqas tat-*23four youth band & choir *li ħa ħsieb li janima din il-laqgħa bit-tema "Bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, jien dak li jien". 11.07.2006 – 10.40pm*



*Mijiet ta' żgħażagħ Ġorġjani u Għawdxin jattendu għall-laqgħa organizzata mill-grupp* 23four, *għall-ewwel darba fi pjazza San Ġorġ. 11.07.2006 - 10.05pm*

Deborah Caruana), *saxophone* (George Apap), *bass* (Mark Grech), u l-batterija (Christopher Mercieca). Il-kor tal-grupp taż-żgħażagħ (*leader*: Georgette Theuma) kien iffurmat minn madwar erbgħin element. Ir-repertorju ta' mużika esegwita kien jinkludi *Emmanuel, Tkun imbierek, Mulej, L-Invokazzjonijiet Penitenzjali* (Anthony Zammit), *Is-Salm Responsorjali* (Rev. Tonio Galea), *L-Ispirtu tal-Mulej, Alleluia* (Monica Parnis), *Veni Creator, Għażiż Mulej, Georgius Natus Est* u *Jesus Christ, You are My Life.* Għall-okkażjoni l-grupp ħa ħsieb li jikri sistema professjonali ta'*sound.*

Waqt din iċ-ċelebrazzjoni, ikkaratterizzata minn programm intensiv, spikkaw ħafna żewġ mumenti ta' koreografija. Il-koreografija taż-żeffiena fuq mużika meħuda mill-mużikal *Ir-Rebbieħ*, imtella' mill-grupp *23four* fit-*Teatru Astra* f'April tas-sena 2006, saret taħt id-direzzjoni ta' Ramona Cassar.

Fost il-ħafna mumenti speċjali waqt din iċ-ċelebrazzjoni, wieħed seta' jsegwi preżentazzjoni awdjoviżiva fuq San Ġorġ fuq *screen* kbir armat apposta fuq il-palk ta' quddiem il-bażilika. *San Ġorġ jitkellem magħna* hu l-isem ta' preżentazzjoni awdjoviżiva, miktuba mill-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia u prodotta mill-grupp *23four.* Din il-produzzjoni, frott ix-xogħol ta' ġranet u ljieli sħaħ fl-uffiċini taċ-ċentru parrokkjali, kienet tinkludi r-*recording* tal-vuċijiet tal-persunaġġi rappreżentati fil-preżentazzjoni, u x-xogħol tekniku u metikoluż ta' *editing* u *mastering* ta' l-awdjo mal-viżwal li kien jinkludi ritratti u xeni mill-isbaħ. Il-grupp li ħadem fuq din il-preżentazzjoni li ġibdet



*Il-grupp* 23four youth band and choir *janima ċ-ċelebrazzjoni. 11.07.2006 - 10.30pm*

l-ammirazzjoni tal-preżenti kien iffurmat minn Michael Formosa, Richard Grech, Anthony Zammit u Francesco Pio Attard. Hi l-intenzjoni tal-grupp, wara talba ġenerali, li jerġa' juri din il-preżentazzjoni awdjoviżiva f'xi okkażjoni oħra.

Għall-okkażjoni, il-grupp *23four* ipproduċa kemm ktieb bil-programm sħiħ li kien jinkludi l-kant, it-talb, il-qari u l-programm taċ-ċelebrazzjoni, u kemm *t-shirts* li ntlibsu miż-żgħażagħ li pparteċipaw fl-organizzazzjoni, l-animazzjoni, il-*band* u l-kor waqt iċ-ċelebrazzjoni. Kemm it-*t-shirts* u kemm il-pubblikazzjonijiet żgur ser iservu ta' rikordju mill-isbaħ ta' din l-attività kbira. Il-grupp ħaseb ukoll li jipproduċi *souvenirs* għal dawk li kienu preżenti. Filfatt wara sigħat twal ta' xogħol ġew imqassma lill-preżenti xemgħat imnaqxxa u miżbugħa bl-idejn. Ix-xogħol fuq dawn is-*souvenirs*, li fuqhom ġew miktubin siltiet mis-salmi, sar taħt id-direzzjoni ta' Jeannete Grech. Ta' min japprezza wkoll ix-xogħol kbir ta' loġistika li kienet tinvolvi din il-laqgħa, fosthom l-armar kollu ta' l-istruttura li serviet bħala l-isfond għal-laqgħa, il-kummissjoni u l-armar tas-sistema tad-dawl u finalment l-armar u s-sistemazzjoni ta' żewġ palkijiet kbar, wieħed għall-*band* u l-kor li akkomoda madwar ħamsin ruħ u l-palk prinċipali li ngħaqad mat-



*Mumenti ta' żfin fuq palk armat għall-okkażjoni. 11.07.2006 – 10.20pm*

taraġ tal-bażilika u li fuqu saret il-funzjoni liturġika, u l-ko-ordinament mal-pulizija u l-kunsill lokali għas-sistemazzjoni tat-traffiku matul il-ġranet tat-Tnejn u t-Tlieta. Il-loġistika kollha ta' din iċ-ċelebrazzjoni, ikko-ordinata minn Michael Formosa, kienet tinkludi l-armar u ż-żarmar tal-palkijiet, li ntemm fis-sigħat bikrin ta' l-Erbgħa fil-għodu, saret esklussivament miż-żgħażagħ tal-grupp *23four.*

Fuq kollox, l-organizzazzjoni ta' din iċ-ċelebrazzjoni kkonfermat dak li hu magħruf: l-isforz għall-iżvilupp kontinwu tal-festa ta' San Ġorġ lejn fokalizzazzjoni Kristjana ispirata minn San Ġorġ, id-dinamiżmu tal-parroċċa tal-belt Victoria - partikolarment tan-nukleju żagħżugħ ikko-ordinat mill-grupp *23four*, u l-professjonalità kbira li biha jitfassal u jitwettaq il-programm tal-festi f'gieħ il-patrun tal-belt Victoria, xempju ta' inizjattiva oriġinali, professjonali u Kristjana.

# Il-festa ta' San Ġorġ: eżempju ta' eċċellenza fil-liturġija

**Francesco Pio Attard** - francescopio@waldonet.net.mt

Il-ħajja tal-Knisja tistrieħ fuq tliet pedamenti essenzjali: katekeżi tajba, li tinbena fuq l-Iskrittura u t-Tradizzjoni tal-Knisja; il-ħajja liturġika, li tfakkar lill-poplu ta' Alla fil-ħtieġa li jiċċelebra dak li jemmen u jistqarr; u d-djakonija, jiġifieri l-impenn li kull Kristjan irid jieħu biex iwettaq fil-prattika l-Evanġelju bil-qadi lil ħutu. Għalhekk kull komunità fi ħdan il-Knisja għandha dawk it-tliet dimensjonijiet importanti: temmen, tiċċelebra u tgħix. Permezz ta' dan il-proċess, il-fidi tal-Knisja ssir parti mill-ħajja ta' kuljum, u tagħmel frott f'servizz lill-oħrajn imqanqal mill-imħabba.

Il-bniedem minnu nnifsu jħoss il-bżonn li jesprimi dak li jħoss, li jaqsam ma' oħrajn li jħossuha bħalu dak li hemm fil-qalb tiegħu. Anki l-Knisja, bħala komunità ta' bnedmin li jsibu bażi li tgħaqqadhom fl-Evanġelju ta' Ġesù Kristu, tħoss il-ħtieġa li l-fidi tagħha ma tħallihiex mejta, imma tiċċelebraha. Din hi l-liturġija... il-ħajja tal-Knisja, imsejħa mill-Knisja nfisha *"fons et culmine"* – l-għajn u l-qofol, għax minnha titlaq u għandha tasal il-ħajja tal-komunità li temmen. B'liturġija hawn m'aħniex nifhmu biss l-azzjoni esterna li tesprimi ruħha f'riti, rubriki u ċerimonjali, għalkemm dawn jagħmlu iżjed evidenti dak li tħaddan fid-*depositum fidei*; iktar minn hekk, il-ħajja liturġika tal-Knisja hi ċ-ċelebrazzjoni kontinwa tal-misteri kbar tagħha, ta' Alla nnifsu, li jitlob minna li nersqu lejh u nagħtuh qima kif tabilħaqq jixraqlu.

Din forsi tidher daħla twila għal dak li rrid nitkellem fuqu hawn, imma tajjeb li wieħed jifhem sew is-sens tal-kelma *liturġija* fil-Knisja Kattolika, wisq drabi mtappna mill-pjetà popolari u mħallta mal-kultura lokali b'tali mod li dan safa ta' dannu għar-rikkezza tal-liturġija fiha nfisha, ġejja frott sekli sħaħ ta' Tradizzjoni fi ħdan il-Knisja. Qed ngħid dan ukoll għax hekk wieħed jista' jifhem aħjar l-aspett liturġiku fil-ħajja tal-komunità parrokkjali tagħna. Kemm-il



*Il-kant ta' l-Għasar mill-kapitlu u l-kleru tal-kolleġġjata waqt il-jiem tat-tridu. 12.07.2006 – 07.15pm*



*Il-ħruġ trijonfali ta' l-istatwa ta' San Ġorġ min-niċċa fost iċ-ċapċip tan-nies preżenti. 11.07.2006 – 09.15pm*

darba nisma' kummenti bħal: "Għal-liturġija trid tmur San Ġorġ", jew "Imkien ma ssib dik il-liturġija sabiħa bħal San Ġorġ"! Huma kummenti li jagħmlulna ġieħ, u jirriflettu tabilħaqq kemm il-liturġija hawn tiġi ċċelebrata b'serjetà u professjonalità, għax tkun ukoll frott ta' ċerta preparazzjoni u ta' mentalità ffurmata. Il-mużika sagra, ngħidu aħna, għandha sehem indispensabbli fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, u din f'San Ġorġ hi mill-aqwa, grazzi partikularment għall-kontribut li jagħtu l-kor *Laudate Pueri* u l-i*Schola Cantorum Gregoriana*.

Ta' kull sena jkollna kummenti sbieħ ħafna fuq il-liturġija fil-jiem tal-festa, li nistgħu ngħidu li hi wieħed mill-mumenti prinċipali fil-kalendarju festiv. It-tieni ġimgħa ta' Lulju tara l-bażilika ta' San Ġorġ miżgħuda b'Maltin, Għawdxin u wkoll barranin li jiġu apposta biex jieħdu sehem fil-liturġija li tiġi ċċelebrata mill-komunità flimkien mal-kapitlu Ġorġjan, bl-appuntamenti l-aktar importanti jkunu t-tliet funzjonijiet tat-Tridu solenni, it-translazzjoni pontifikali bl-Għasar tal-vġili tas-solennità ta' San Ġorġ, il-pontifikal solenni mmexxi mill-isqof djoċesan nhar il-festa filgħodu, u l-purċissjoni pontifikali filgħaxija. Flimkien ma' dawn, imbagħad, il-jiem bejn it-Tlieta u l-Ħadd ikunu sensiela ma taqta' xejn ta' ċelebrazzjonijiet fil-knisja u barra. Għidt 'barra' wkoll, għax ikollna okkażjonijiet speċjali meta nagħmlu xi ċelebrazzjoni barra mill-ħitan tal-knisja, bħalma

hi l-quddiesa li ta' kull sena ssir fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, nhar it-Tlieta tal-festa. Fl-istess ġurnata din is-sena kellna wkoll attività liturġika speċjali li saret "barra" fil-veru sens tal-kelma – iċ-*Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana* flimkien maż-żgħażagħ, li kienet suċċess kbir, u saret fi Pjazza San Ġorġ. Din ġiet organizzata mill-grupp *23four* tal-parroċċa, u tmexxiet mill-isqof Mons. Mario Grech.

Fil-jiem tat-Tridu, bħal dejjem, spikkat il-mużika esegwita fl-Għasar, bil-qofol jintlaħaq fl-innu grandjuż ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1852-1925) *Georgi miles inclyte* (1878), li ftit tista' ssib kliem biex tfisser is-sbuħija tiegħu. Int u tisimgħu jindaqq u jitkanta, tassew tħoss il-liturġija fl-aqwa tagħha. L-istruttura tradizzjonali tat-Tridu tal-festa, mibnija fuq tlitt ijiem, tibda biex tirrakkonta t-twelid u l-ħajja bikrija tal-qaddis, tkompli bil-martirju u l-glorja tiegħu, u tagħlaq bil-kult kbir li xtered wara mewtu. Din is-sena l-omeliji tat-Tridu, ispirati mill-istrofa *O dulcis Christi caritas* ta' l-innu ta' "Tal-Vers", saru mis-saċerdot Malti Dun Jesmond Grech, u kienu tabilħaqq mudell mill-aqwa ta' predikazzjoni, b'kontenut għani mirqum bi struttura lingwistika unika u mhux b'inqas b'Malti mill-isbaħ. Ma nkunx nistagħġeb jekk ngħid li dan wieħed mill-isbaħ tridijiet li smajt! L-antifona ta' San Pier Damiani (1007-1072) *Beatus Georgius*



*It-tintinnablu u l-umbrella tal-bażilika jagħtu bidu għat-translazzjoni pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech. 15.06.2006 – 06.30pm*

(pre-1890) flimkien mal-barka ewkaristika, bla dubju, kienu għeluq mill-aqwa għal kull jum tat-Tridu.

Is-Sibt filgħodu l-konċelebrazzjoni tat-*Te Deum* kienet iċċelebrata mill-isqof emeritu Mons. Nikol Ġ. Cauchi, u anki hawn tana omelija sabiħa b'sinteżi perfetta fuq il-qaddis patrun tagħna San Ġorġ. Il-liturġija tal-jiem tal-festa hi unika, kemm minħabba s-sbuħija tat-testi tal-Liturġija tal-Kelma (biżżejjed insemmu l-qari sabiħ meħud mill-Apokalissi), tal-Quddiesa u ta' l-Għasar, u kemm minħabba l-opportunità li tingħata lill-poplu ta' Alla li jerġa' jġedded l-għarfien tiegħu tal-figura u l-ħajja tal-qaddis megalomartri San Ġorġ, li l-persuna tiegħu, li fuqha jinxtegħel dawl speċjali f'dawn il-jiem, tindika kontinwament lil Kristu Rxoxt. Filgħaxija, wara translazzjoni pontifikali mill-aktar solenni, wieħed seta' jitpaxxa bl-eżekuzzjoni tal-*Vespri per la solennità di San Giorgio Martire* (1900), ukoll kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia.

Hu mument sabiħ meta l-komunità parrokkjali tinġabar flimkien mar-ragħaj tad-djoċesi, kif għamlet il-Ħadd filgħodu għall-pontifikal solenni ta' jum is-solennità ta' San Ġorġ, patrun tal-gżira. L-isqof djoċesan, bħala dekan tal-kolleġġjata urbana, hu dak li jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni liturġika pontifikali ta' jum il-festa. Din is-sena, billi kienet l-ewwel festa fl-episkopat tiegħu, l-E.T. Mons. Mario Grech għamel ukoll l-omelija. Huwa tbiegħed ftit mill-istil tradizzjonali paniġerkali, biex ta lill-miġemgħa messaġġ attwali fuq il-valuri, ispirat mill-figura tal-martri żagħżugħ Ġorġi. Il-pontifikal ta' jum il-festa f'San Ġorġ hu wirja ċara ta' kif il-liturġija f'din il-bażilika tiġi ċċelebrata fl-eċċellenza tagħha. Kollox jingħaqad flimkien f'bizzilla mill-isbaħ f'din l-Ewkaristija, li l-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella* tal-bażilika, fl-1976 kien ikkomponielha l-mużika sabiħa tal-*Mass in D Major "Princeps Martyrum"*.

Il-purċissjoni ta' filgħaxija wkoll hi mument liturġiku qawwi. L-istatwa titulari, simbolu evidenti tal-preżenza ta' San Ġorġ fostna, ħarġet mill-ġdid tbierek it-toroq ta' beltna, milqugħa b'ferħ kbir minn ulied din il-parroċċa, din il-belt u din il-gżira. Is-sehem tal-kapitlu u l-kleru numeruż ta' din il-bażilika, il-membri ta' l-ordnijiet reliġjużi u s-seminaristi f'din il-purċissjoni mmexxija mill-isqof djoċesan, tagħmilha iżjed unika fl-għamla u s-solennità tagħha. L-antifona u l-barka, flimkien mat-talba sabiħa li għamel l-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia, kienu għeluq tabilħaqq xieraq.

Hekk il-festa ta' San Ġorġ 2006 reġgħet uriet ruħha bħala mudell ta' eċċellenza fil-liturġija u ċ-ċelebrazzjoni tagħha. L-awgurju tiegħi hu li din il-komunità parrokkjali, f'dak kollu li tiċċelebra b'mod estern – ġewwa u barra l-knisja – tibqa' tesprimi dak li hemm verament fil-qalb tagħha, sentiment ta' qima u radd il-ħajr lil Alla, li fil-kobor tas-setgħa tiegħu tana l-għajnuna ta' San Ġorġ, li fil-martirju tiegħu wriena kif nixbhu lil ibnu Ġesù Kristu.

# Il-festi esterni f'ġieħ San Ġorġ, il-Patrun tad-djoċesi Għawdxija

**Simon M. Cachia** - cachiasimon@yahoo.com

Kulħadd jaf li l-festa ta' San Ġorġ hija l-ewwel fost il-festi kollha ta' Għawdex f'dak li għandu x'jaqsam mal-lat spiritwali tal-festa. Dan nistgħu ngħiduh bla tlaqliq ukoll rigward il-festa esterna.

Il-festa esterna ta' San Ġorġ bdiet bl-*Ikla tal-festa* organizzata mis-Soċjetà *La Stella*. Din saret it-Tnejn fil-għaxija fi pjazza San Ġorġ. Għaliha attendew numru kbir ta' nies, fosthom att imdaqqas ta' emigranti li jingħaqdu mal-familji tagħhom fl-okkażjoni tal-festa. Kienet organizzata tajjeb ħafna, b'ikel bnin u b'divertiment mill-aqwa.

Il-banda *La Stella* bdiet is-servizzi tagħha t-Tlieta bil-marċ ta' qabel il-ħruġ min-niċċa ta' l-istatwa ta' San Ġorġ. Għalkemm dan il-marċ kellu rotta ftit twila, kien mistenni minn ħafna nies, l-iktar dawk li joqogħdu fil-periferija ta' beltna, peress li beda minn quddiem il-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb f'Taċ-Ċawla u baqa' sejjer għal pjazza San Ġorġ. Il-banda *Ite ad Joseph* tal-Qala laqgħet l-istatwa ta' San Ġorġ fil-bieb tal-bażilika bl-innu *Ġorġi Tagħna.*

L-Erbgħa, l-ewwel jum tat-Tridu, il-banda *La Stella* flimkien mal-banda *Santa Marija* taż-Żebbuġ tat bidu għall-ewwel mit-tliet dimostrazzjonijiet li jsiru fil-festa ta' San Ġorġ. F'dan il-marċ, iż-żewġ baned akkumpanjaw l-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel minn pjazza San Franġisk sa pjazza San Ġorġ, fejn l-istatwa ittellgħet fuq pedestall apposta maħdum b'sengħa kbira f'dawn l-aħħar snin mill-Għaqda ta' l-Armar tas-Soċjetà, fost il-briju tal-folla kbira ta' nies li ħonqot il-pjazza.

L-istatwa ta' San Ġorġ Żagħżugħ, li hi ċ-ċentru tad-dimostrazzjoni tal-Ħamis, ġiet akkumpanjata



L-istatwa ta' San Ġorġ ta' barra, l-ewwel statwa għall-festi esterni f'Għawdex, tittella' fuq il-pedestall fost iċ-ċapċip u l-entużjażmu tan-nies preżenti. 14.07.2006 – 00.50am



L-ikla tal-festa fi pjazza San Ġorġ. 10.07.2006 - 09.20pm

minn żewġ baned barranin, jiġifieri l-baned *San Girgor* ta' Kerċem u *Santa Margerita* ta' Sannat. Dan il-marċ kien apprezzat ħafna min-nies li joqogħdu madwar il-bażilika Ġorġjana għax għalkemm joqogħdu daqshekk viċin taċ-ċentru taċ-ċelebrazzjonijiet, ma jgawdu l-ebda marċ ħlief dan tal-Ħamis. Għalhekk kienet deċiżjoni għaqlija li s-Soċjeta' torganizza dan il-marċ għall-benefiċċju ta' dawn il-parruċċani. L-istatwa ta' San Ġorġ ittellgħet fuq il-pedestall tagħha fi pjazza ta' San Franġisk, fost il-briju tas-sħaba ħamra ta' żgħażagħ Ġorġjani li ħakmet il-pjazza.

Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet esterni beda jintlaħaq bil-marċijiet kbar tal-Ġimgħa u s-Sibt, żewġ marċijiet uniċi li jkunu mistennija minn ħafna nies. Apparti l-banda *La Stella*, ħadu sehem ukoll il-banda *San Ġorġ* ta' Bormla u l-*King's Own* tal-belt Valletta rispettivament. Iż-żewġ marċijiet intemmu b'logħob kbir tan-nar; il-Ġimgħa fi pjazza Savina u s-Sibt fi pjazza San Franġisk. Għalkemm ir-Rabat ġie maħkum minn folol kbar ta' Għawdxin, Maltin u barranin, il-briju f'dawn il-marċijiet kien wieħed kalm, sabiħ, bla tgħajjir u dagħa, fejn wieħed seta' jieħu gost u jiċċelebra anki ma' nies li m'humiex mill-parroċċa.

L-avveniment ewlieni tal-festa esterna nhar il-Ħadd fil-għodu kien il-marċ popolari fil-qalba ta' beltna. Il-massa ta' nies li ħonqot il-pjazez prinċipali tat-Tokk u ta' San Ġorġ kienu mmexxija mill-baned *San Ġorġ* ta' Ħal-Qormi u *Santa Elena* ta' Birkirkara. Maż-żgħażagħ tal-parroċċa ingħaqdu wkoll għadd kbir ta' partitarji Ġorġjani Qormin u oħrajn Maltin li ġew jiċċelebraw magħna l-ikbar festa Għawdxija. Filgħaxija, il-banda *La Stella* tat is-servizz impekkabbli tagħha fil-purċissjoni pontifikali mmexxija mid-dekan tal-kolleġġjata, l-isqof Mario Grech.

Il-festi esterni ntemmu bil-marċ ta' l-aħħar li beda minn quddiem id-dar tas-Soċjetà għall-quddiem il-bażilika Ġorġjana. Meta l-marċ wasal pjazza San Ġorġ, il-banda ngħaqdet mal-parruċċani preżenti u tat 'kunċert' spontanju u divertenti li mbagħad ingħalaq bl-innu popolari *Lill-Kbir Martri San Ġorġ*.



*Folol kbar ta' partitarji Ġorġjani jifirħu mad-daqq tal-marċi tal-banda ċittadina* La Stella *fi Triq ir-Repubblika. 14.07.2006 – 11.10pm*



*Briju miż-żgħażagħ Ġorġjani fit-Triq ir-Repubblika. 14.07.2006 - 11.30pm*

Il-festi esterni ta' din is-sena kienu għal darb'oħra eżempju ċar ta' festi organizzati tajjeb u f'kollaborazzjoni kontinwa ma' l-arċipriet u l-parroċċa. L-ebda ċelebrazzjoni esterna ma affettwat dik interna. Ħajr imur lill-president Dr Joseph Grech, lill-kumitat u lil diversi għaqdiet oħra fi ħdan is-Soċjetà li ħadmu bla heda biex dawn il-festi jkunu għal darb'oħra organizzati b'mod dinjituż, li jixirqu lir-reliġjon tagħna u lil San Ġorġ, u li jissuperaw il-festi esterni l-oħra tal-gżira. Ta' min jirringrazzja wkoll lill-partitarji kollha li bl-imġieba tagħhom fil-festi esterni ma waqqgħux, anzi għollew id-dinjità ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet f'ġieħ il-patrun tad-djoċesi San Ġorġ.

# Il-mużika fil-festa ta' San Ġorġ: *"Exemplar non imitabile!"*

RGF - ilbeltvictoria@yahoo.com

Min kellu x-xorti li jżur *Westminster Abbey* f'Londra u japprezza l-monumenti li bihom hi litteralment miżgħuda din il-knisja, seta' jammira l-lapidi li jikkommemoraw ġrajjiet u persuni li għamlu isem għalihom u għar-Renju Unit. Fost l-oħrajn, wieħed jiltaqa' ma' din l-iskrizzjoni li biha bdejt dan l-artiklu: *"Exemplar non imitabile!"*. Ma tridx tkun xi Latinista mill-kbar biex tinduna xi tfisser. L-iskrizzjoni tfisser: "Mudell li ma jistax jiġi imitat!".

Tgħiduli, mela, dan x'mudell hu? Għaliex suppost li mudell qiegħed hemm sabiex wieħed jagħmel mill-aħjar sabiex jimitah u hekk jirnexxi iktar. Imma hemm ċerti mudell li minħabba l-uniċità tagħhom jibqgħu imposibbli li jiġu milħuqa. F'dan il-każ jissejħu *ispirazzjoni* li tħajjar lill-oħrajn sabiex jogħlew 'il fuq u jilħqu grad ogħla ta' ċiviltà u konsegwentament ta' umanità. F'dan is-sens irridu u għandna nifhmu din l-iskrizzjoni: *"Exemplar non imitabile!"*.

Ma nkunux sejrin żmerċ jekk napplikaw din il-frażi għall-mużika li tiġi esegwita fil-bażilika ċittadina ta' San Ġorġ martri, fl-okkażjoni tas-solennità tal-patrun tal-belt Victoria u protettur ta' l-Għawdxin. Għaliex tassew din hi l-verità, kif magħrufa u



*Parti mill-kapitlu tal-kolleġġjata jieħu sehem waqt l-kant ta' l-Għasar. 13.07.2006 – 06.50pm*

mistqarra minn kulħadd: rigward il-mużika San Ġorġ hu mudell li impossibbli jiġi imitat u għalhekk hu ispirazzjoni għal min jgħożż u japprezza s-sbuħija bħala lingwaġġ ekkleżjali antik, li jisboq il-barrieri taż-żmien, razza, kultura u reliġjon, u hu fattur ta' għaqda fuq livell universali.

La qegħdin fil-muża tal-Latin, inkomplu bil-Latin: *"Ex nihilo nihil fit"* – "Mix-xejn ma jsir xejn!". Din tista' tfisser: (a) li biex issir xi ħaġa, din irid ikollha preparazzjoni adegwata; jew (b) li mix-xejn, ix-xejn jirriżulta! Aħna qegħdin nifhmu l-ewwel każ: li l-frotta mis-siġra u li l-frotta tixhed it-tjubija tas-siġra. Dan

jorbot ma' dak li bdejna bih, jiġifieri li sabiex il-mużika jixirqilha l-appellattiv ta' mudell, din m'hix xi ħaġa rħisa. Altru. Tixhed għal tradizzjoni antika, preżent mill-aktar għani fit-talenti, kreattività u kapaċità teknika, u viżjoni ċara ta' l-essenzjal f'dak li għandu x'jaqsam mal-liturġija. Għall-grazzja t'Alla dawn huma l-karatteristiċi li jikkwalifikaw is-sitwazzjoni attwali fil-bażilika ta' San Ġorġ. U ta' dan aħna grati lejn Alla l-Imbierek, (nerġgħu bil-Latin: *"Soli Deo gloria"* – "'L Alla waħdu glorja"), u lejn dawk kollha li b'mod mill-aktar diżinteressat joffru s-servizzi eċċellenti tagħhom, li tassew m'hemmx prezzhom.

Il-mużika li tiġi esegwita matul il-jiem tal-festa l-lum saret patrimonju komuni; tant li meta ssemmi mużika fil-festa, il-bażilika ta' San Ġorġ tiġi mill-ewwel f'moħħ kulħadd. Hija firxa ta' stili ta' kompożizzjoni li jinkludu l-aħjar fit-tradizzjoni tal-mużika sagra liturġika. Għaliex hija mużika vera, m'hix datata. Il-mużika awtentika hi mużika u xejn aktar. F'dan il-każ, qegħdin nitkellmu fuq mużika sagra, waħda li tagħti importanza massima lit-testi sagri li jiġu interpretati f'forom mużikali l-iktar idonei, b'mod li tiġi rrispettata s-sagralità tagħhom. F'dan il-kuntest il-bażilika ta' San Ġorġ tiddisponi minn kompożizzjonijiet ta' l-aqwa żewġ kompożituri li tfaċċaw s'issa f'pajjiżna, Mons. Ġuiseppe Farrugia (1852-1925) u l-Prof. Joseph Vella, it-tnejn ulied il-parroċċa Ġorġjana. Il-mużika li tiġi esegwita matul il-jiem tat-Tridu u ta' lejlet il-festa hija ta' Mons. Farrugia, u dik li tiġi esegwita l-Ħadd (il-pontifikal solenni u t-tieni Għasar) hija ta' Joseph Vella. Il-kwantità kbira ta' nies minn kull rokna tal-gżejjer tagħna li tattendi għall-funzjonijiet liturġiċi hija prova biżżejjed ta' l-eċċellenza ta' l-andament dinjituż, serju u mill-aktar professjonali tagħhom. Huwa ta' pjaċir u sodisfazzjon għall-organizzaturi li jinnotaw li qed tiġi ssuperata dik il-mentalità ta' medjokrità li hija assoċjata mal-mużika fil-knejjes, u li "fil-knisja kollox jgħaddi". Filfatt l-għajta hi li "l-mużika f'San Ġorġ qisek mort għal kunċert mill-aqwa". Hekk għandu jkun. Il-liturġija sagra hekk għandha titmexxa, u mhux kulmin ikun fil-knisja jkollu seba' mitt sena sabiex tispiċċa l-mużika ħa jitlaq 'il barra! Flimkien mal-kompożizzjonijiet imsemmija, li huma kalamita li ssaħħar u terfa' l-ispirtu tal-bniedem 'il fuq, tiġi esegwita wkoll mużika sagra li tinkludi l-polifonija klassika interpretata fuq l-istil ta' l-iskola Rumana, kif ukoll il-kant Gregorjan. L-Għasar tat-Tridu li jitmexxa mill-kapitlu *in urbe*, flimkien ma' l-assemblea liturġika, hu mument ieħor sabiħ ħafna li m'hux uniku għall-jiem tal-festa. Dan għaliex l-Għasar kantat ilu jsir b'dan il-mod għal diversi snin matul iż-żminijiet liturġiċi ta' l-Avvent, ir-Randan u l-Ħdud ta' l-Għid.

Kif tennejna, *"ex nihilo nihil fit!"*. L-eċċellenza tal-mużika matul il-ġimgħa tal-festa hi kontinwazzjoni ta' dak li jsir b'attenzjoni, dedikazzjoni u mħabba, matul is-sena liturġika kollha bla ma jaqta' xejn. Wieħed ikun jonqos jekk ma jsemmix is-sehem indispensabbli tal-kor *Laudate Pueri*, li kien il-pijunier li daħħal u mexxa 'l quddiem il-mużika sagra Rumana fid-djoċesi tagħna, b'mod li min jisma' l-kor ikanta mill-ewwel jassoċja l-istil mal-liturġija tal-Knisja Kattolika Rumana. Is-sehem tal-kor, bħala aġent fil-liturġija, hu wieħed leali, kostanti, diżinteressat u garanzija ta' eċċellenza, kif jaf kulħadd. Il-mużika kollha li tiġi esegwita tinsab fuq CDs. Din kienet inizjattiva oħra tal-kor sabiex ikompli jseddaq l-isem tajjeb ferm li tgawdi l-bażilika ta' San Ġorġ f'dan il-qasam.

Li kieku f'San Ġorġ kellha tiġi esegwita biss il-mużika matul il-ġimgħa tal-festa, kien ikun biżżejjed sabiex timmerita l-frażi: *"Exemplar non imitabile!"*. U għal ħafna, meta wieħed jirriferi għall-mużika fil-festa ta' San Ġorġ, f'dan jaħseb. Mela kemm aktar timmerita u tixraq din il-frażi, meta wieħed iqis li l-mużika fil-festa ta' San Ġorġ hija mifruxa mhux fuq ġimgħa waħda iżda fuq ħames ġimgħat! Dan hu l-*Victoria International Arts Festival*, li l-lum sar l-akbar festival internazzjonali f'Malta, b'kunċerti li jinkludu solisti, *ensembles*, orkestri, kumplessi bandistiċi u korijiet ġejjin miċ-ċentri mużikali l-aktar prestiġjużi Ewropej u anki mill-iStati Uniti ta' l-Amerika, u kalamita li tiġbed lejn San Ġorġ nies, mhux biss minn kull rokna ta' Malta u Għawdex, iżda mill-Ewropa u 'l hemm ukoll! Altru li hu ċentru San Ġorġ! Kemm hu tassew li l-mużika fil-festa ta' San Ġorġ hija *"exemplar non imitabile!"*. Min jaqra l-ġurnali għandu xhieda kemm irid ta' l-eċċellenza tal-festival, li qiegħed fuq l-istess livell ta' festivals li jsiru fl-Ewropa, speċjalment matul is-sajf.

Għandi raġun jew le napplika din il-frażi – *"Exemplar non imitabile"* – għall-mużika tal-festa ta' San Ġorġ?

Fil-Ħarġa li jmiss

**L-Omelija fis-solennità ta' San Ġorġ martri mill-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex**



# Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal,
Nittama li tinsabu tajbin. Għaddiet il-festa u ċert li tinsabu kuntenti u naħseb xi ftit għajjenin wara festa bħal dik. Kienet festa li ġabitilna ħafna ferħ u briju u ċert li San Ġorġ ħa gost bina lkoll. Issa żmien is-sajf, żmien il-mistrieħ u żmien il-vaganzi. Sewwa li tieħdu gost, tiddevertu u tmorru l-baħar tgħumu u tgawdu l-festi. Oqogħdu attenti mill-bram għax titilfu l-gost kollu.

Għalkemm is-sajf, importanti li ma twarrbux l-istudju għal kollox. Minn erbgħa u għoxrin siegħa kuljum sewwa li ssibu siegħa kuljum għal ftit qari tajjeb. Anke li tmorru sal-librerija tgħaddu ftit ħin jagħmlilkom tajjeb. Aqraw ukoll il-gazzetti u araw l-aħbarijiet biex tkunu tafu wkoll x'inhu għaddej madwarna.

Ħafna minnkom jekk mhux ilkoll issa sa ssibu ruħkom fi klassi ġdida jekk mhux ukoll fi skola ġdida u għalhekk sa tiltaqgħu ma' ħbieb ġodda. Sewwa li taraw li jkollkom dejjem kumpanija tajba biex tibqgħu mexjin fit-triq it-tajba u ma tinkwetawx lill-ġenituri tagħkom li tant iħobbukom. Li kont minnkom , nara x'kotba ġodda sa jkolli u nipprova naqra xi ħaġa żgħira minnhom biex meta nidħol l-iskola ma nsibx kollox ġdid ma' wiċċi.

Xi wħud minnkom forsi jsiefru wkoll ma' tal-familja. Jekk tiġi okkażjoni bħal din titilfuhiex għax mis-safar hemm ħafna x'titgħallem.

Veru li matul il-vaganzi jieqfu l-laqgħat kollha iżda araw li ma tittraskurawx il-quddiesa u xi ftit talb ieħor. Dawk fostkom li jmorru l-Museum żgur li jieħdu gost b'xi passiġġata jew xi mawra f'Malta.

Insomma ma rridx noqgħod nippridkalkom għax intom ilkoll tfal bil-għaqal u tafu kif għandkom iġġibu ruħkom u ma titilfux il-ħin bla bżonn. U għalhekk sa nieqaf hawn. Minn qalbi nixteqilkom jiem sbieħ ta' mistrieħ bla ma titgħażżnu. M'hemm xejn ħażin għax tgħinu wkoll fil-faċendi tad-dar.

*Iz-Ziju Joe*

## Kompetizzjoni

*Ibagħtilna sitt iqwiel Maltin bla żball.*

L-ewwel tweġiba tajba li titla' bix-xorti tingħata ktieb sabiħ ġentilment mogħti mill-KKM (tel 21551325/79551325).

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom fuq l-indirizz: "Uffiċċju Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità, Victoria, Għawdex" jew fuq l-email *ilbeltvictoria@yahoo.com* sa mhux aktar tard mill-Ħadd 1 ta' Settembru 2006.

## Qaddisin "Ġorġjani" (4)

*Kitbu fuq il-Patrun tagħna, kienu devoti tiegħu jew b'xi konnessjoni ma' dan it-tempju ddedikat lilu.*

**Antoine Vassallo** - *vasanti@waldonet.net.mt*

**San Ljun II** *(tifkira liturġika - 3 ta' Lulju)*
Dan il-Papa miet fit-28 ta' Ġunju tas-sena 683 u għalhekk it-tifkira liturġika tiegħu ġie li kienet anki fit-28 ta' Ġunju. Għalkemm ma tantx għadu jissemma', jinsab midfun San Pietru. Nafu li kien Sqalli; ġie elett ftit jiem biss wara l-mewt ta' San Agatu iżda dam ix-xhur qabel ma ġie kkonsagrat minħabba problemi politiċi, l-iktar f'dak li jirrigwardja r-relazzjoni bejn Papa u Imperatur.

Forsi l-aktar deċiżjoni importanti li laħaq wettaq fis-sentejn li dam fuq it-tron ta' Pietru kienet il-konferma ta' l-atti tas-Sitt Konċilju Ekumeniku li kien sar f'Kostantinopli taħt il-legati tal-Papa Agatu kontra l-monoteliżmu. Infatti fadlilna ittri li bagħat, per eżempju, lill-isqfijiet Spanjoli biex iħaddmu dawn id-digrieti. B'riżultat ta' dan imbagħad ssejjaħ sinodu f'Toledo. Il-Papa Ljun ħass li ma jistax ma jikkundannax lill-predeċessur Onorju peress li ma kienx irsista bil-qawwa meħtieġa din l-ereżija (li Ġesu' kellu r-rieda divina biss). Fl-istess żmien tħabat biex tissolva problema mal-belt ta' Ravenna li kienet donnha riesqa lejn xiżma.

Pass ieħor għaqli ta' San Ljun kien li - minħabba l-biża' li l-Lombardi jerġgħu jattakkaw il-katakombi - ħa relikwi ta' bosta martri għal knejjes mibnija 'l ġewwa mis-swar ta' Ruma. Żied il-pompa fil-funzjonijiet reliġjużi biex il-fidili ma jinsew qatt il-maesta' ta' Alla u anki beda juża t-traxxix ta' l-ilma fuq il-poplu. Kien jaf il-Grieg (barra l-Latin) u jsemmuh bħala oratur tajjeb. Dan jikkonferma li kien jinteressah il-wirt kulturali, għax anki kien miġbud sew għall-mużika. Mil-lat spiritwali, kien iħobb il-faqar u l-foqra: għex fis-sempliċita' u dejjem ra li titqassam ħafna karita'.



Kien dan il-Papa li ddedika l-knisja li llum nafuha bħala *San Giorgio al Velabro*, bażilika mill-iktar prominenti f'Ruma.

*Fl-aħħar ħarġa ma dehritx riferenza għal artiklu iktar dettaljat fuq San Beda minn Dun George J. Frendo fil-volum enċiklopediku San Ġorġ (paġni 97-98).*

# Mid-Djarju tal-Parroċċa













**1:** Il-bażilika ta' San Ġorġ mimlija bin-nies biex tilqa' l-ħruġ min-niċċa ta' San Ġorġ. 11.06.2006 – 08.50pm.
**2:** Il-laqgħa ta' talb organizzata mill-grupp *23four* fil-pjazza ta' San Ġorġ. 11.06.2006 – 10.35pm.
**3:** Il-bażilika mimlija bin-nies biex jipparteċipaw fil-funzjonijiet li jsiru fi żmien il-festa. 15.07.2006 – 07.00pm.
**4:** Waqtiet ta' ferħ u ta' entużjażmu meta l-baned ċittadini *La Stella* u *King's Own* ingħaqdu ma' xulxin u daqqew bħala *massed band.* 15.07.2006 – 11.35pm.
**5:** Tibda timmarċja l-purċissjoni pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, li timxi madwar it-toroq prinċipali tal-belt Victoria. 16.07.2006 – 08.00pm.
**6:** Dħul trijonfali ta' l-istatwa ta' San Ġorġ fost iċ-ċapċip tal-Ġorġjani, l-Għawdxin u l-Maltin preżenti fil-pjazza. 16.06.2006 – 10.45pm.

Design & Printing :: A&M Printing - 2155 3217